



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2013/0344(COD)

22.1.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali

Rapporteur għal opinjoni: Mathieu Grosch

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Sfond

Filwaqt li l-avjazzjoni attwalment tirrapreżenta tlieta fil-mija tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, dawn l-emissjonijiet qed jiżdiedu rapidament. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) stmat li l-emissjonijiet CO₂ prodotti mill-avjazzjoni kważi rduppjaw bejn l-1990 u l-2006. Filwaqt li l-użu tal-fjuwils fossili żdied b'34 %. L-ICAO tipprevedi żieda ta' 63 % – 88 % għall-2020, perjodu li matulu l-UE impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha b'20% meta mqabbel mal-livelli tal-1990.

It-tisħin globali jista' jiġi indirizzat b' mod effikaċi biss permezz ta' approċċ internazzjonali. La l-emissjonijiet tal-karbonju u lanqas it-tibdil fil-klima ma jirrispettaw il-konfini nazzjonali. L-istess oġġettivi dwar il-klima għalhekk għandhom jiġu adottati globalment. Dan jista' jintlaħaq biss permezz ta' ftehim fl-ICAO.

L-Assemblea tal-ICAO tal-2013 irrikonoxxiet li huma meħtieġa miżuri bbażati fuq is-suq biex jippromwovu tkabbir sostenibbli fl-avjazzjoni u li tliet għażliet għal skema ta' miżuri bbażati fuq is-suq (tpaċċja obligatorja bi tqassim tad-dħul jew mingħajr tqassim tad-dħul jew negozjar tal-emissjonijiet) kienu raġonevoli. Iddeċiet li tiżviluppa skema ta' miżuri bbażati fuq is-suq globali li dwarha għandha tittieħed deċiżjoni fl-Assemblea tal-2016. Din tiġi implimentata fl-2020.

Il-proposta tal-Kummissjoni

L-aktar proposta reċenti tal-Kummissjoni teżenta kompletament it-titjiriet lejn pajjiżi terzi għall-2013 u tillimita s-sistema għan-negozjar ta' emissjonijiet sabiex tkopri biss parti mit-titjiriet internazzjonali fi ħdan l-ispazju tal-ajru ŻEE (12-il mil nawtiku mill-aktar punt imbiegħed tal-kosta tal-baħar l-aktar 'il barra tat-territorju ŻEE) għall-2014-20.

Titjiriet minn u lejn pajjiżi b'introjtu baxx jew baxx medju b'shem ta' inqas minn 1 % tal-avjazzjoni internazzjonali jkunu eżentati kif mitlub fir-riżoluzzjoni tal-ICAO. Barra minn dan, livelli ta' eżenzjoni ġodda ġew stabbiliti għall-operaturi ta' jet tan-negozju. Dan intlaqa' tajjeb għaliex jipproduċi ffrankar kbir fl-ispejjeż għall-konformità mingħajr ma jaffettwa ħafna l-emissjonijiet evitati.

Ftehim Globali fl-ICAO jirrapreżenta soluzzjoni għal perjodu twil ta' żmien

Minkejja l-eżenzjoni ta' pajjiżi b'introjtu baxx tindirizza element importanti fir-riżoluzzjoni tal-ICAO. L-użu tal-approċċ tal-ispazju tal-ajru jista' jxekkel l-avvjament internazzjonali meħtieġ biex fl-2016 jintlaħaq ftehim globali. Ir-riskju jikber minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni maqbula universalment ta' "spazju tal-ajru Ewropew". Din l-opinjoni għalhekk hija favur li jiġi estiż l-approċċ li skontu jitwaqqaf iż-żmien li kien adottat fl-2012 sal-Assemblea tal-ICAO li jmiss.

Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tintensifika l-kuntatti bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi biex tippromwovi ftehim fl-ICAO u, bħala miżura interim, tħeġġeġ aktar pajjiżi jallinjaw mal-ETS jew jadottaw miżuri komparabbli. Dan għandu jkun supplementat

minn miżuri oħra biex jonqsu l-emissjonijiet tal-avjazzjoni, partikolarment billi jiġi stabbilit "Ajru Uniku Ewropew" li jnaqqas id-dewmien relatat mal-kontroll tat-traffiku tal-ajru u diverżjonijiet.

Ħtieġa ta' stabbiltà

Il-każ għal estensjoni tal-approċċ li skontu jitwaqqaf iż-żmien jissaħħaħ mill-frekwenza ta' bidliet li l-industrija ffaċċjat fis-snin reċenti. Ir-reġim 2012 inizjalment imħabbar kien jinvolvi l-inklużjoni tat-titjiriet kollha minn u lejn l-Ewropa fl-ETS. Ir-reġim 2012 attwali kien jeskludi titjiriet minn u lejn il-pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni qed tipproponi li din l-esklużjoni titkompla għall-2013 u mbagħad jiddaħħal it-tielet reġim mill-2014 sal-2020.

B'kuntrast, ir-rapporteur għal opinjoni jissuġġerixxi li r-reġim 2012 jinżamm minn tal-inqas sal-2016 u sal-2020 jekk l-assembly tal-ICAO li jmiss taqbel li ddaħħal miżuri globali sa minn dik id-data. Jekk ma jkunx hemm dan il-qbil, approċċ dwar l-ispazju tal-ajru jiġi adottat mill-2017.

Dan l-approċċ jimmassimizza ċ-ċansijiet li jintlaħaq ftehim internazzjonali mingħajr ma jitpoġġa dubju dwar id-dritt tal-UE li tirregola l-ispazju tal-ajru tagħha, dritt garantit mill-konvenzjoni ta' Chicago u kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja. L-UE tkun qed turi lis-sħab internazzjonali tagħha li hija lesta li taħdem b'mod kostruttiv f'negozjati internazzjonali u bilaterali. Hi tkun qed tindika wkoll li tistenna l-ICAO iżżomm l-impenn tagħha biex tasal għal deċiżjoni fl-2016 u li aktar dewmien mhuwiex aċċettabbli.

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Unjoni qed tipprova tikseb ftehim internazzjonali sigur għall-ġejjieni biex jikkontrolla l-impatti tal-gassijiet serra mill-avjazzjoni **u**, sadattant, **qed tillimita l-impatti ta' tibdil fil-klima mill-attivitajiet tal-avjazzjoni minn u lejn ajrudromi fl-**

Emenda

(1) L-Unjoni qed tipprova tikseb ftehim internazzjonali sigur għall-ġejjieni biex jikkontrolla l-impatti tal-gassijiet serra mill-avjazzjoni. Sadattant, huwa xieraq li **jittieħed** kont tal-iżviluppi u tal-pożizzjonijiet li ttieħdu f'fora

Unjoni permezz ta' azzjoni awtonoma.
Sabiex jiġi żgurat li dawn l-oġġettivi huma ta' appoġġ reċiproku u mhux f'kunflitt, huwa xieraq li **jittieħdu** kont tal-iżviluppi u tal-pożizzjonijiet li ttieħdu f'fora internazzjonali u li titqis b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni li tinkludi "Id-Dikjarazzjoni kkonsolidata tal-politiki u l-prattiki kontinwi tal-ICAO relatati mal-ħarsien tal-ambjent" adottata fit-38 sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

internazzjonali u li titqies b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni li tinkludi "Id-Dikjarazzjoni kkonsolidata tal-politiki u l-prattiki kontinwi tal-ICAO relatati mal-ħarsien tal-ambjent" adottata fit-38 sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Is-settur tal-avjazzjoni huwa prevalentement ta' natura internazzjonali. Għandhom jittieħdu malajr kemm jista' jkun inizjattivi għall-ħarsien tal-klima peress li l-problemi globali tat-tip ikkawżati mill-emissjonijiet tal-avjazzjoni jistgħu jiġu indirizzati bl-aktar mod effikaċi permezz ta' approċċ internazzjonali li jinkludi obbligu li jiġu osservati l-istess miżuri jew li jinkisbu l-istess oġġettivi permezz ta' miżuri differenti. Ftehim globali fl-ICAO joffri l-aqwa prospetti għall-iżgurar ta' sostenibbiltà għat-terminu twil.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Konsegwentament, huwa mixtieq li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament

(2) L-adozzjoni tad-Deċiżjoni 377/2013/UE^{4a} ippermettiet il-progress reali li jrid isir fl-

Ewropew u tal-Kunsill⁴ jitqiesu b'mod temporanju bħala sodisfatti, meta jintlaħqu l-obbligi fir-rigward ta' ċertu perċentwal ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi. B'hekk, l-Unjoni tenfasizza li r-rekwiżiti jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' ċerti perċentwali ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), bl-istess mod bħalma r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fuq iktar emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn dawn l-ajrudromi.

⁴ *Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32)*

Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) biex jiġi konkluż ftehim globali waqt il-laqgħa li jmiss. Sabiex titwitta t-triq għal ftehim ta' dan it-tip, biex il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni Ewropew tkun issalvagwardata u biex jiġu evitati miżuri tal-kummerċ ta' ritaljazzjoni, huwa mixtieq li b'mod temporanju, minn tal-anqas sal-assemblea ġenerali tal-ICAO li jmiss fl-2016, jiġu estiżi dawn id-dispożizzjonijiet "jitwaqqaf iż-żmien".

^{4a} *Deċiżjoni 2013/377/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2013 għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità*

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq **għal**

Emenda

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq sakemm tidħol fis-seħħ miżura **globali** bbażata fuq

7 snin sakemm tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq *ta' dan it-tip, il-perċentwali ġew ikkalkulati* mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f'tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu *sal-2020*.

is-suq, *l-inklużjoni tal-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi 'l barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-kolkolu tal-perċentwali* mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f'tarf il-kosta taż-ŻEE *japplikaw biss mill-2017 jekk ma jintlaħaqx ftehim dwar mekkaniżmu globali bbażat fuq is-suq fl-Assemblea tal-ICAO li jmiss fl-2016*. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu *sakemm tidħol fis-seħħ miżura globali bbażata fuq is-suq*.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Id-derogi previsti f'din id-Direttiva jqisu r-riżultati tal-kuntatti bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi, li l-Kummissjoni se tkompli twettaq f'isem l-Unjoni.

Emenda

(4) Id-derogi previsti f'din id-Direttiva jqisu r-riżultati tal-kuntatti bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi, li l-Kummissjoni se tkompli twettaq f'isem l-Unjoni. *Jekk dawn in-negożjati jwasslu lill-pajjiżi terzi biex jaċċettaw allinjament mal-Iskema Ewropea għan-Negożjar ta' Emissjonijiet jew biex jadottaw miżuri ekwivalenti, id-derogi previsti f'din id-direttiva għandhom jiġu aġġustati skont dan.*

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Sabiex titrawwem fiduċja fil-livell internazzjonali fl-iskema tal-UE, l-Istati Membri għandhom jużaw l-introjt mill-użu tal-Iskema Ewropea għan-Negozjar ta' Emissjonijiet fis-settur tal-avjazzjoni biex itaffu l-impatt tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni. Dan għandu jinkludi l-appoġġ fl-isforzi ta' protezzjoni tal-klima tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-Artikolu 3d paragrafu 4 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Emenda 7

**Proposta għal direttiva
Premessa 4b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) L-UE għandha dejjem tinkludi l-kwistjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-avjazzjoni meta jiġu nnegozjati l-ftehimiet tal-avjazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Emenda 8

**Proposta għal direttiva
Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Sabiex jiġi stabbilit perċentwal ta' emissjonijiet ivverifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, iridu jkunu magħrufa l-emissjonijiet kollha tat-titjira. Madankollu, mhux qed jitqiesu l-emissjonijiet li mhumiex koperti minn dak il-perċentwal.

imħassar

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-applikazzjoni ta' perċentwal għal emissjonijiet ivverifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, jew l-użu ta' approċċ alternattiv mill-operaturi, għandhom jirrelataw għall-emissjonijiet mill-2014 'il quddiem sabiex l-operaturi jkollhom żmien biex jifhmu dawn l-approċċi meta jippjanaw l-attivitajiet tat-titjiriet tagħhom.

Emenda

imħassar

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

*(10) Mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi li **għadhom** qed jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnelli-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, **għandu jiġi eżentat** għall-perjodu **2014 sal-2020**. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, huma dawk li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta bbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġifieri dawk li fl-2013 ma ġewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri.*

Emenda

*(10) L-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi li **għadhom** qed jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnelli-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, **għandhom jiġu eżentati** għall-perjodu **mill-2014 sa ma tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq**. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, huma dawk li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta bbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġifieri dawk li fl-2013 ma ġewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri.*

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) It-titjiriet bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u iż-ŻEE kontinentali għandhom isegwu wkoll l-approċċ reġjonali bbażat fuq is-suq sakemm tidħol fis-seħħ miżura globali bbażata fuq is-suq. Il-perċentwali għandhom jiġu kkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE kontinentali u r-reġjuni ultraperiferiċi li ma humiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f'tarf iż-ŻEE kontinentali.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt -1 Direttiva 2003/87/KE Artikolu 3d – paragrafu 4 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Il-punt 1 tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

4. “L-Istati Membri għandhom jużaw l-introjtu ġġenerat mill-irkant tal-kwoti għal azzjonijiet jew riċerka għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.”

Emenda 13

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 1 Direttiva 2003/87/KE Artikolu 28a – paragrafu 1 – fażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***B'deroga*** mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), ***l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi li huma sodisfatti fir-rigward ta'***:

Emenda

1. ***Derogi*** mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3):

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ***l-emissjonijiet*** kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea ***fl-2013***;

Emenda

(a) ***B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi li huma sodisfatti fir-rigward tal-emissjonijiet*** kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea ***f'kull sena kalendarja mill-2013 sal-2016. Jekk l-Assemblea tal-ICAO fl-2016 tiddeċiedi li ddaħħal miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2020, f'dan il-perjodu dawn għandhom ikompli japplikaw għas-snin kalendarji mill-2017 sal-2020***;

Ġustifikazzjoni

Dan jestendi l-approċċ li skontu jitwaqqaf iż-żmien u jeskludi titjiriet ġejjin minn u sejrjn lejn pajjiżi terzi waqt il-perjodu li jkunu qed isiru n-negozjati fl-ICAO. Dan jevita konfrontazzjoni mal-linji tal-ajru, li diġà kellhom jippreparaw għall-proposta oriġinali tal-2012 u mbagħad l-approċċ li skontu jitwaqqaf iż-żmien b'sistema oħra ġdida mill-2014.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *l-emissjonijiet* minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja *bejn l-2014 u l-2020* fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Emenda

(b) *Jekk l-Assemblea tal-ICAO fl-2016 ma tiddeċidix li ddaħħal miżura globali bbażata fuq is-suq, imbagħad, b'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi li huma sodisfatti fir-rigward tal-emissjonijiet* minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja *mill-2017* fejn, *biex jirriflettu l-proporzjon tat-titjiriet li jsiru fl-ispazju tal-ajru Ewropew*, l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6

Ġustifikazzjoni

Dan jintroduċi appoċċ dwar l-ispazju tal-ajru Ewropew mill-2017, jekk in-negozjati fl-ICAO ma jirnexxux (ara l-emenda 7).

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt ba

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) *B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), sakemm tidħol fis-seħħ miżura globali bbażata fuq is-suq, l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi li huma sodisfatti fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ż-ŻEE kontinentali fejn, biex jirriflettu l-proporzjon tat-titjiriet li jsiru fl-ispazju tal-ajru Ewropew, l-operatur tat-tali titjiriet*

irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali li jridu jiġu kkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE kontinentali u r-reġjuni ultraperiferiċi li ma humiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f'tarf iż-ŻEE kontinentali jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *l-emissjonijiet* minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja *sal-2020* fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tunnellata;

Emenda

(c) *B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi li huma sodisfatti fir-rigward tal-emissjonijiet* minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja *sa ma tiġi introdotta miżura internazzjonali bbażata fuq is-suq* fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja huma inqas minn 1000 tunnellata;

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) *ir-restituzzjoni* tal-kwoti tikkorrispondi għall-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 minn titjiriet bejn il-pajjiżi taż-ŻEE, li jridu jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' April 2015 minflok sat-30 ta' April 2014, u l-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 għal

Emenda

(d) *B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi li huma sodisfatti fir-rigward tar-restituzzjoni* tal-kwoti *li* tikkorrispondi għall-emissjonijiet ivverifikati tal-2013

dawk it-titjiriet li jridu jiġu rrapportati sal-31 ta' Marzu 2015 minflok sal-31 ta' Marzu 2014.

minn titjiriet bejn il-pajjiżi taż-ŻEE, li jridu jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' April 2015 minflok sat-30 ta' April 2014, u l-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 għal dawk it-titjiriet li jridu jiġu rrapportati sal-31 ta' Marzu 2015 minflok sal-31 ta' Marzu 2014

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – l-aħħar punt

Test propost mill-Kummissjoni

L-emissjonijiet ivverifikati msemmija **fil-paragrafu** 1(b) u kkalkulati f'konformità mal-Anness IIc għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14.

Emenda

L-emissjonijiet ivverifikati msemmija **fil-paragrafi** 1(b) u (**ba**) kkalkulati f'konformità mal-Anness IIc għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28 a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. B'deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-2013 sal-2020, għandu jiġi mnaqqas b'tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta' emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni **tal-Artikolu 28(a)** sa (c).

Emenda

4. B'deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-2013 sal-2020, għandu jiġi mnaqqas b'tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta' emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni **tal-paragrafi 1(a)** sa (c) **ta' dan l-Artikolu**.

Ġustifikazzjoni

Biex ikun iċċarat li r-referenza hija għall-Artikolu 28a ġdid miżjud b'din id-Direttiva.

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28 a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), għal titjiriet minn u lejn pajjiżi taż-ŻEE, operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jagħżel li ma jirrappurtax id-dejta tal-emissjonijiet bl-użu ta' perċentwali fl-Anness IIc, sabiex dawk l-emissjonijiet jiġu kkalkulati mill-awtorità kompetenti. Dan il-kalkolu għandu jkollha il-figuri mill-għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilità tagħha ta' appoġġ tal-ETS. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta dawk il-kalkoli kollha lill-Kummissjoni. **Il-kalkoli** tal-emissjonijiet magħmula f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12, 14 u 28a.

Emenda

6. B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), għal titjiriet minn u lejn pajjiżi taż-ŻEE **u titjiriet minn u lejn ajrudrom li jinsab f'wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi**, operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jagħżel li ma jirrappurtax id-dejta tal-emissjonijiet bl-użu ta' perċentwali fl-Anness IIc, sabiex dawk l-emissjonijiet jiġu kkalkulati mill-awtorità kompetenti. Dan il-kalkolu għandu jkollha il-figuri mill-għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilità tagħha ta' appoġġ tal-ETS. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta dawk il-kalkoli kollha lill-Kummissjoni. **L-operatur għandu jkun infurmat dwar ir-riżultat tal-kalkoli magħmula mill-awtorità kompetenti, u l-kalkoli** tal-emissjonijiet magħmula f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12, 14 u 28a.

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tan-negozjati

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 7 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

7. Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li trid tiġi applikata mill-2020, u tressaq proposti kif xieraq.

Emenda

7. Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li trid tiġi applikata mill-2020, u tressaq proposti kif xieraq. ***Kwalunkwe proposta għandha tkun akkumpanjata b'valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati.***

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28 a – paragrafu 7 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq ma tibdix tapplika ***mill-2020***, dak ir-rapport għandu jqis il-kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn u lejn pajjiżi barra ż-ŻEE ***mill-2020 'il quddiem*** fin-nuqqas kontinwu ta' din il-miżura globali. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta.

Emenda

F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq ma tibdix tapplika, dak ir-rapport għandu jqis il-kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn u lejn pajjiżi barra ż-ŻEE fin-nuqqas kontinwu ta' din il-miżura globali. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta.

Emenda 25

Proposta għal direttiva Anness IIc – l-aħħar paragrafu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-perċentwal ta' emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28a għal titjriet li joperaw minn u lejn reġjun ultraperiferiku wkoll għandhom jiġu kkalkulati skont it-tabella ta' hawn taħt li tiġi ppopolata qabel l-adozzjoni bil-perċentwali li jirriżultaw mutatis mutandis mill-applikazzjoni tal-istess formula, ibbażata fuq l-aqwa dejta li tkun disponibbli, inkluża l-assistenza mill-Eurocontrol.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Anness IIc – fillieri ġodda

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Żid il-fillieri għal: il-Gwadelup, il-Gujana Franċiża, Martinique, Réunion, Saint Barthélemy, Saint Martin, l-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali	
Referenzi	COM(2013)0722 – C7-0374/2013 – 2013/0344(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 24.10.2013	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 24.10.2013	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Mathieu Grosch 4.11.2013	
Eżami fil-kumitat	16.12.2013	20.1.2014
Data tal-adozzjoni	21.1.2014	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 –: 6 0: 4	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Mike Natrass, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Keith Taylor, Silvia-Adriana Țicău, Giommara Uggias, Peter van Dalen, Roberts Zile	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Spyros Danellis, Eider Gardiazábal Rubial, Zita Gurmai, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Oldřich Vlasák, Sabine Wils, Corien Wortmann-Kool	